MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 634/2011

**GO plc C22334**

**vs**

**Maria Doris Zammit ID 233462M u b'digriet tat-Tribunal tas-26 ta' Settembru 2012 gie kjamat in kawza Stephen Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Awwissu 2011, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija, tmienja u sittin Euro sebgha u ghoxrin centezmi (€968.27c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuti jew min minnhom jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, tmienja u sittin Euro sebgha u ghoxrin centezmi (€968.27c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------